

**Brussell, 6 ta' Diċembru 2018  
(OR. en)**

**15213/18**

**CATS 92  
JAI 1251  
FREMP 220  
COSI 311**

## **EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI**

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Dikjarazzjoni tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra l-antisemitiżmu u l-iżvilupp ta' approċċ komuni fil-qasam tas-sigurtà għal protezzjoni aħjar tal-komunitajiet u l-istituzzjonijiet Lhud fl-Ewropa - Konklużjonijiet tal-Kunsill (6 ta' Diċembru 2018)

---

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness id-Dikjarazzjoni tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra l-antisemitiżmu u l-iżvilupp ta' approċċ komuni fil-qasam tas-sigurtà għal protezzjoni aħjar tal-komunitajiet u l-istituzzjonijiet Lhud fl-Ewropa adottata mill-Kunsill fit-3661 laqgħa tiegħu li saret fis-6 ta' Diċembru 2018.

## ANNEX

### **Dikjarazzjoni tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra l-antisemitiżmu u l-iżvilupp ta' approċċ komuni fil-qasam tas-sigurtà għal protezzjoni aħjar tal-komunitajiet u l-istituzzjonijiet Lhud fl-Ewropa**

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

WAQT LI JQIS id-determinazzjoni tal-Unjoni Ewropea u tal-Istati Membri tagħha li jipprevjenu u jiġġieldu l-antisemitiżmu kif ukoll il-forom kollha ta' razziżmu, ksenofobija u kull forma oħra ta' intolleranza u diskriminazzjoni,

WARA LI KKUNSIDRA d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/913/ĠAI tat-28 ta' Novembru 2008 dwar il-ġlieda kontra ċerti forom u espressjonijiet ta' razziżmu u ksenofobija permezz tal-liġi kriminali<sup>1</sup>,

WARA LI KKUNSIDRA d-Direttiva 2012/29/UE tal-25 ta' Ottubru 2012 li tistabbilixxi standards minimi fir-rigward tad-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminalità<sup>2</sup>,

WARA LI KKUNSIDRA l-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-6 ta' Diċembru 2013 dwar il-ġlieda kontra reati ta' mibegħda fl-Unjoni Ewropea<sup>3</sup>,

WAQT LI JQIS il-kodiċi ta' kondotta maqbul fil-31 ta' Mejju 2016 mill-Kummissjoni flimkien mal-Kumpanniji ewlenin tal-IT għall-ġlieda kontra d-diskors ta' mibegħda fuq l-internet,

---

<sup>1</sup> ĠU L 328, 6.12.2008

<sup>2</sup> ĠU L 315, 14.11.2012

<sup>3</sup> 17057/13

WARA LI KKUNSIDRA l-istabbiliment, f'Ġunju 2016, tal-Grupp ta' Livell Għoli tal-UE biex jiġu miġġielda r-razziżmu, il-ksenofobija u forom oħra ta' intolleranza, u tas-Sottogrupp dwar metodoloġiji għar-reġistrazzjoni u l-ġbir ta' data dwar delitti ta' mibegħda kkoordinat mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA),

WAQT LI JFAKKAR fl-importanza tal-implimentazzjoni konġunta tal-konklużjonijiet tal-ewwel kollokwiju tal-Kummissjoni dwar id-drittijiet fundamentali rigward il-ġlieda kontra l-antisemitiżmu u l-mibegħda kontra l-Musulmani, kif enfasizzata fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tad-9 ta' Ġunju 2016 dwar l-applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali fl-2015,

WARA LI KKUNSIDRA l-ħatra, f'Diċembru 2015, ta' Koordinatur tal-Kummissjoni għall-Ġlieda Kontra l-Antisemitiżmu,

WAQT LI JQIS li fis-26 ta' Mejju 2016 il-plenarja tal-Alleanza Internazzjonali għat-Tifkira tal-Olokawst (IHRA) adottat definizzjoni ta' ħidma mhux vinkolanti tal-antisemitiżmu,

WAQT LI JQIS li fl-1 ta' Ġunju 2017 il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni dwar il-ġlieda kontra l-antisemitiżmu,<sup>4</sup>

---

<sup>4</sup> Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-1 ta' Ġunju 2017 dwar il-ġlieda kontra l-antisemitiżmu (2017/2692(RSP))

WAQT LI JOSSERVA żieda inkwetanti fuq medda ta' diversi snin fl-għadd ta' manifestazzjonijiet ta' diskors ta' mibegħda, delitti ta' mibegħda, razziżmu, ksenofobija u intolleranza fl-Ewropa li jaffettwaw minoranzi u gruppi vulnerabbli oħra, inkluż persuni Lhud, kif irregiſtrat minn dawk l-Istati Membri li jiġbru data uffiċjali<sup>5</sup>, kif ukoll mit-tieni ċiklu tal-istħarriġ tal-FRA dwar id-diskriminazzjoni u d-delitti ta' mibegħda kontra persuni Lhud fl-UE<sup>6</sup>,

WAQT LI JIRRIKONOXXI li l-komunitajiet Lhud f'xi Stati Membri tal-UE jħossuhom partikolarment vulnerabbli għal attacchi terroristiċi wara żieda f'inċidenti vjolenti u attacchi terroristiċi f'dawn l-aħħar snin,

WAQT LI JENFASIZZA li dawn l-attakki u kull xorta ta' dannu kontra ċ-ċittadini Ewropej Lhud jolqtu l-valuri fundamentali u d-drittijiet tal-bniedem li huma fil-qalba tal-Unjoni Ewropea, kif minqax fl-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE),

WAQT LI JINNOTA bi tħassib serju li s-sitwazzjoni għall-persuni Lhud ma tjibitx b'mod sostanzjali u li l-mibegħda antisemitika tibqa' mifruxa kif ikkonfermat mir-rapport tal-FRA tal-2018,<sup>7</sup> kif ukoll mill-aħħar rapport annwali tal-Kummissjoni Ewropea kontra r-Razziżmu u l-Intolleranza (ECRI) ta' Ġunju 2018<sup>8</sup>,

---

<sup>5</sup> <http://fra.europa.eu/en/publication/2018/hate-crime-recording>

<sup>6</sup> <http://fra.europa.eu/en/project/2017/second-fra-survey-discrimination-and-hate-crime-against-jews>

<sup>7</sup> <http://fra.europa.eu/en/publication/2018/antisemitism-overview-2007-2017>;

<http://fra.europa.eu/en/project/2017/second-fra-survey-discrimination-and-hate-crime-against-jews>

<sup>8</sup> <https://rm.coe.int/annual-report-on-ecri-s-activities-covering-the-period-from-1-january-16808c168b>

KONXJU mill-fatt li dan l-antisemitiżmu li qed jiżdied fil-forom kollha tiegħu jibqa' jqanqal tħassib kbir għall-persuni Lhud f'ħafna Stati Membri,

JISĦAQ fuq il-fatt li l-antisemitiżmu, irrispettivament mid-direzzjoni, l-ideoloġija jew it-twemmin politiku jew reliġjuż estremist minn fejn jista' joriġina, jaffettwa s-sigurtà u l-benessri tal-persuni Lhud u l-kapaċità tagħhom li jesprimu l-identità tagħhom hekk kif jixtiequ,

WAQT LI JINNOTA li l-antisemitiżmu - inkluż meta moħbi taħt l-għata ta' fehmiet politiċi – kif ukoll in-Neo-Nazizmu qed joħolqu tħassib kbir fil-komunitajiet Lhud f'diversi Stati Membri,

WAQT LI JINNOTA li diversi Stati Membri tal-UE ħadu miżuri – politiċi, finanzjarji u strateġiċi – biex jiproteġu l-komunitajiet Lhud tagħhom,

WAQT LI JISĦAQ li d-diskors ta' mibegħda antisemitiku fuq l-internet qed iħalli impatt fuq is-sens ta' benessri tal-persuni Lhud fl-Ewropa u qed iwassal għat-tixrid fuq firxa usa' ta' propaganda antisemitika u teoriji ta' komplott, kemm qodma kif ukoll għodda, inkluż l-ideat ta' kontroll mil-Lhud u taċ-ċaħda tal-Olokawst,

WAQT LI JAGĦRAF li l-libertà tal-espressjoni kif ukoll il-libertà ta' reliġjon jew ta' twemmin huma wieħed mill-pedamenti essenzjali li fuqhom jinbnew soċjetajiet pluralistiċi u inklużivi,

WAQT LI JAGĦRAF li ċ-ċittadini Lhud huma, dejjem kienu u dejjem ser jibqgħu, parti integrali u inseparabbli mis-soċjetajiet Ewropej tagħna, bħala ċittadini sħaħ bid-dritt li jkollhom sens ta' sigurtà u benessri,

DEĊIŻ li jiżgura ġejjieni għall-persuni Lhud biex ikunu jistgħu jgħixu bl-istess sens ta' sigurtà u libertà bħaċ-ċittadini l-oħra kollha fl-Unjoni Ewropea,

WAQT LI JISSOTTOLINJA li s-sigurtà tal-persuni Lhud hija b'zonn immedjat u teħtieġ azzjoni f'waqtha mill-Istati Membri u mill-istituzzjonijiet tal-UE,

WAQT LI JILQA' r-rwol importanti moqdi mill-FRA li regolarment tipprovdi data minn stħarriġ dwar l-antisemitiżmu kif ukoll tissorvelja b'mod regolari d-disponibbiltà ta' data uffċjali fil-qasam tal-ġustizzja kriminali dwar ir-razziżmu, il-ksenofobija u forom oħra ta' intolleranza, inkluż dwar l-antisemitiżmu, fl-Istati Membri kollha,

WAQT LI JILQA' l-kisba mill-Unjoni Ewropea tal-istatus ta' Sieħeb Internazzjonali Permanenti, status ta' osservatur mingħajr dritt ta' vot, mal-Alleanza Internazzjonali għat-Tifkira tal-Olokawst (IHRA) sabiex tiżgura tifkira kontinwa tal-Olokawst u telimina u tikkumbatti kull forma ta' antisemitiżmu,

1. JISTIEDEN LILL-ISTATI MEMBRI biex jadottaw u jimplementaw strateġija olistika li tipprevjeni u tiġġieled kull forma ta' antisemitiżmu bħala parti mill-istrateġiji tagħhom għall-prevenzjoni tar-razziżmu, il-ksenofobija, ir-radikalizzazzjoni u l-estremiżmu vjolenti,
2. JAPPELLA LILL-ISTATI MEMBRI li għadhom ma approvawx id-definizzjoni ta' ħidma, legalment mhux vinkolanti, tal-antisemitiżmu utilizzata mill-Alleanza Internazzjonali għat-Tifkira tal-Olokawst (IHRA) biex jagħmlu dan bħala għodda ta' gwida utli fl-edukazzjoni u t-taħriġ, inkluż għall-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi fl-isforzi tagħhom għall-identifikazzjoni u l-investigazzjoni aktar effiċjenti u effikaċi ta' attacchi antisemitiċi,
3. JAPPELLA LILL-ISTATI MEMBRI b'mod partikolari biex iżidu l-isforzi tagħhom biex jiżguraw is-sigurtà lill-komunitajiet, l-istituzzjonijiet u ċ-ċittadini Lhud,

4. JAPPELLA LILL-ISTATI MEMBRI biex isaħħu l-protezzjoni tal-komunitajiet u l-istituzzjonijiet Lhud kif meħtieġ billi jfittxu jew isaħħu l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali u/jew lokali tal-infurzar tal-liġi u l-komunità Lhudija rispettiva abbażi ta' prattika tajba stabbilita f'diversi Stati Membri tal-UE, kif ukoll billi jużaw din il-bażi biex jaraw kif ikomplu jtejbu din il-kooperazzjoni permezz ta' metodi ġodda u innovattivi,
5. JISTIEDEN LILL-ISTATI MEMBRI biex jipprevedu l-finanzjament u l-implimentazzjoni tal-miżuri ta' sigurtà meħtieġa għall-komunitajiet, l-istituzzjonijiet u ċ-ċittadini Lhud,
6. JISTIEDEN LILL-ISTATI MEMBRI biex jużaw l-appoġġ finanzjarju provdut mill-istrumenti finanzjarji tal-Unjoni Ewropea għall-protezzjoni tal-ispazji pubbliċi,
7. JAPPELLA LILL-ISTATI MEMBRI biex jieħdu l-miżuri xierqa kontra d-delitti ta' mibegħda u l-inċitament għall-vjolenza jew il-mibegħda kontra persuni Lhud, u biex jimplimentaw bis-siħ id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra ċerti forom u espressjonijiet ta' razziżmu u ksenofobija permezz tal-liġi kriminali u l-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-6 ta' Diċembru 2013 dwar il-ġlieda kontra reati ta' mibegħda fl-Unjoni Ewropea, u jiżguraw li jsiru investigazzjonijiet u prosekuzzjoni effikaċi,
8. JISTIEDEN LILL-ISTATI MEMBRI biex jużaw il-Prinċipji ta' Gwida Ewlenin tal-Grupp ta' Livell Għoli tal-UE dwar il-ġlieda kontra r-razziżmu, il-ksenofobija u forom oħra ta' intolleranza ppubblikati f'Diċembru 2017 sabiex l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jtejbu r-reġistrazzjoni tad-delitti ta' mibegħda,

9. JISTIEDEN LILL-ISTATI MEMBRI biex jieħdu sehem fit-taħriġ li qed isir lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u lill-awtoritajiet tal-ġustizzja kriminali mogħti mill-FRA u l-Uffiċċju tal-OSKE għall-Istituzzjonijiet Demokratiċi u d-Drittijiet tal-Bniedem (ODIHR) sabiex itejbu l-kapaċità tagħhom li jirreġistraw u jiġbru data dwar delitti ta' mibegħda, inkluż dwar l-antisemitiżmu, u jappoġġaw lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili biex jikkumplimentaw il-ġbir sabiex jitkejjel aħjar kemm l-antisemitiżmu qed jaffettwa liċ-ċittadini Lhud,
10. IFAKKAR LILL-ISTATI MEMBRI biex jippromwovu l-valuri komuni u l-prinċipji ġenerali tal-Unjoni Ewropea kif stipulati fl-Artikolu 2 TUE, permezz tal-edukazzjoni u l-kultura, skont id-Dikjarazzjoni ta' Pariġi adottata fl-2015<sup>9</sup> u abbażi tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-promozzjoni tal-valuri komuni, l-edukazzjoni inklużiva, u d-dimensjoni Ewropea tat-tagħlim<sup>10</sup>, u f'dan il-kuntest jippromwovu l-edukazzjoni dwar l-Olokawst kif ukoll l-edukazzjoni dwar ir-rwol tal-istituzzjonijiet, il-komunitajiet, u ċ-ċittadini Lhud fl-Ewropa lllum,
11. JISTIEDEN LILL-ISTATI MEMBRI biex jintroduċu taħriġ dwar il-forom kollha ta' intolleranza, razziżmu u delitti ta' mibegħda, b'mod partikolari preġudizzji antisemitiċi u delitti ta' mibegħda, fil-kurrikuli skolastiċi tagħhom, fit-taħriġ vokazzjonali bħal dak għan-nies li jaħdmu fil-qasam tas-sigurtà u l-ġustizzja kif ukoll fil-kurrikuli ta' korsijiet ta' integrazzjoni,

---

<sup>9</sup> 5322/15

<sup>10</sup> ĠU C 195, 7.6.2018



12. JISTIEDEN LILL-ISTATI MEMBRI biex isaħħu l-appoġġ għall-ħidma interkulturali u interkonfessjonali li tinvolvi l-komunitajiet u l-istituzzjonijiet Lhud, u biex jinkoraġġixxu b'mod partikulari l-iskambju bejn it-tfal u ż-żgħażaġħ bi twemmin differenti u li ġejjin minn ambjenti differenti, inkluż billi jintużaw strumenti Ewropej bħall-eTwinning u Erasmus+,
13. JAPPELLA LILL-ISTATI MEMBRI biex jenfasizzaw l-importanza tat-tifkira, l-edukazzjoni għal kulħadd, kif ukoll ir-riċerka, dwar l-Olokawst. Mingħajr preġudizzju għall-kompetenza nazzjonali, dan jirrikjedi libertà ta' riċerka, kurrikuli adegwati kif ukoll edukazzjoni u taħriġ adegwati dwar l-Olokawst u l-antisemitiżmu għall-għalliema u n-nies li jaħdmu fil-qasam tas-sigurtà u l-ġustizzja u jista' jitqies bħala parti mill-miżuri ġenerali ta' integrazzjoni,
14. JISTIEDEN LILL-KUMMISSJONI biex tressaq, fil-kuntest tal-istrateġija globali tagħha kontra r-razziżmu, il-ksenofobija u forom oħra ta' intolleranza, aktar miżuri li jiġġieldu u jipprevjenu l-forom kollha ta' antisemitiżmu u għal dan il-għan taħdem mill-qrib mal-Istati Membri, inkluż fir-rigward tal-protezzjoni tal-istituzzjonijiet, il-komunitajiet u ċ-ċittadini Lhud,
15. JISTIEDEN LILL-KUMMISSJONI biex tkompli tikkonċentra fuq l-antisemitiżmu bħala parti mill-ħidma tal-Grupp ta' Livell Għoli tal-UE biex jiġu miġġielda r-razziżmu, il-ksenofobija u forom oħra ta' intolleranza u biex tkompli tiżviluppa, f'konsultazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri u bl-appoġġ tal-FRA, standards tal-UE għall-ġbir u l-analiżi tad-data rigward l-antisemitiżmu u forom oħra ta' diskors ta' mibegħda u diskriminazzjoni fl-Unjoni Ewropea,

16. JISTIEDEN LILL-KUMMISSJONI biex tagħti attenzjoni partikolari lid-diskors ta' mibegħda antisemitika illegali bħala suġġett li għandu jiġi diskuss fil-qafas tal-Kodiċi ta' Kondotta dwar il-ġlieda kontra d-diskors ta' mibegħda fuq l-internet u biex tinkludi wkoll il-kontenut li jħeġġeġ it-twettiq ta' reati terroristiċi antisemiċi fil-kuntest tal-Forum tal-UE dwar l-Internet. L-Unità ta' Indikazzjoni ta' Kontenut fuq l-Internet fi ħdan l-Europol jeħtieġ li tintuża bis-sħiħ biex jinstab kontenut terroristiku bħal dan u jiġi rreferut lill-fornituri tas-servizzi tal-internet rilevanti,
17. SER isaħħaħ il-koordinazzjoni tal-ħidma tal-Kunsill fil-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-antisemitiżmu, fost oħrajn permezz tal-iskambju tal-aħjar prassi.

---